A.L. 99 ta' l-2007

ATT DWAR IL-PRIVATTIVI INDUSTRIJALI U D-DISINNI (KAP. 417)

Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 59 ta' l-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni, il-Ministru għall-Kompetittività u l-Kommunikazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Marzu, 2007.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"applikazzjoni għal privattiva Ewropea" tfisser applikazzjoni għal privattiva Ewropea li tiġi preżentata skond il-Konvenzjoni;

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni, u kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Att;

"il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni fuq l-Għoti ta' Privattivi Ewropej, magħmula fi Munich fil-5 ta' Ottubru, 1973 kif riveduta u l-Konvenzjoni magħmula fi Munich fid-29 ta' Novembru, 2000;

"privattiva Ewropea" tfisser privattiva mogħtija mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi skond il-Konvenzjoni;

"l-Uffiċċju" tfisser l-uffiċċju nazzjonali responsabli għall-ħruġ ta' privattivi f'Malta.

Hlas.

3. Il-ħlas li għandu jsir fil-każ ta' applikazzjoni, reġistrazzjoni jew kull ħaġa oħra taħt dawn ir-regolamenti għandhom ikunu dawk imniżżlin fl-annessa Skeda ta' Drittijiet li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Liġi li tapplika.

4. (1) Privattivi Ewropej u applikazzjonijiet għal privattivi Ewropej li jsemmu lil Malta għandhom jiġu regolati b'dawn ir-regolamenti u bl-Att kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra fil-Konvenzjoni.

(2) Fil-każ ta' konflitt bejn id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u dawk ta' dawn ir-regolamenti jew ta' l-Att, ikunu d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni li jiprevalu.

Preżentata ta' applikazzjonijiet għall-privattivi Ewropej.

5. (1) L-applikazzjonijiet għal privattivi Ewropej, ħlief applikazzjonijiet diviżorji, jistgħu jiġu preżentati fl-Uffiċċju f'kull lingwa li hi ammissibbli taħt l-artikolu 14 (1) u (2) tal-Konvenzjoni.

(2) Dawn li ġejjin jeħtieġu traduzzjoni għall-Ingliż li għandha tiġi preżentata fi żmien xahar minn meta tiġi preżentata l-applikazzjoni għal privattiva Ewropea:

(a) indikazzjoni li tkun qed tintalab privattiva Ewropea;

(b) l-informazzjoni li twassal biex l-applikant ikun identifikat.

(3) L-applikanti li jkollhom ir-residenza tagħhom jew il-post prinċipali ta' negozju f'Malta, għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal privattiva Ewropea dwar xi invenzjoni li tista' tolqot is-sigurtà nazzjonali ta' Malta fl-Uffiċċju; ħlief f'dawk il-każi fejn tintalab prijorità fuq l-ewwel preżentata f'Malta.

Effetti ta' applikazzjoni għal privattiva Ewropea.

6. (1) Applikazzjoni għal privattiva Ewropea, li tkun issemmi lil Malta u li tkun ingħatat data tal-preżentata, għandha tkun ekwivalenti għal applikazzjoni nazzjonali regolari, meta dan ikun adatt, bil-prijorità mitluba għall-applikazzjoni għall-privattiva Ewropea u jkun xi jkun ir-riżultat ta' dik l-applikazzjoni.

(2) Applikazzjoni għall-privattiva Ewropea li tkun ġiet pubblikata u li tkun issemmi lil Malta għandha tagħti l-protezzjoni mogħtija taħt l-artikolu 27 bis-saħħa ta' l-artikolu 28 ta' dan l-Att mid-data meta l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi jippublikaha.

Effetti ta' privattiva Ewropea.

7. (1) Bla ħsara għas-subregolamenti (2) sa (4) ta' dan ir-regolament, privattiva Ewropea li ssemmi Malta għandha, mid-data tat-tismija meta tkun ġiet mogħtija mill-Uffiċċju tal-Privattivi Ewropew, tagħti l-istess drittijiet daqslikieku kienet privattiva mogħtija mill-Uffiċċju.

(2) (a) Is-sid tal-privattiva għandu jipprovdi traduzzjoni għall-Ingliż lill-Uffiċċju fil-perjodu ordnat kif stipulat fl-artikolu 65 (1) tal-Konvenzjoni.

(b) Tista' ssir applikazzjoni għall-estensjoni ta' dan il-perjodu u flimkien magħha għandu jsir il-ħlas stabbilit. L-estensjoni hekk mitluba ma tistax tkun iktar minn xahrejn.

(3) Meta bħala riżultat ta' proċedura ta' oppożizzjoni quddiem l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, il-privattiva Ewropea tibqa' kif emendata, is-subregolament (2) ta' hawn qabel għandu jkun japplika *mutatis mutandis*.

(4) F'każ li ma jiġux mħarsa r-rekwiżiti mniżżlin skond is-subregolamenti (2) jew (3) ta' dan ir-regolament, il-privattiva Ewropea għandha titqies bħala nulla *ab initio*.

(5) It-twaqqif mill-ġdid tad-Drittijiet skond l-artikolu 46 ta' l-Att għandu jkun japplika *mutatis mutandis*.

Test awtentiku ta' privattivi Ewropej.

8. (1) Meta xi traduzzjoni ordnata taħt ir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti jkun jagħti protezzjoni li tkun anqas minn dik mogħtija mill-privattiva Ewropea fil-lingwa tal-proċeduri, dik it-traduzzjoni għandha titqies bħala t-test awtentiku ħlief għall-proċeduri ta' revoka.

(2) Is-sid tal-privattiva Ewropea jista' jippreżenta traduzzjoni koreġuta f'kull ħin. It-traduzzjoni koreġuta għandha tibda biss issehħ wara li tkun tqegħdet għad-disposizzjoni tal-pubbliku mill-Uffiċċju.

(3) Kull persuna li, *bona fidi*, ikun qiegħed jagħmel użu jew ikun għamel preparazzjonijiet effettivi u serji għall-użu ta' xi invenzjoni, li l-użu tagħha ma jkunx jikkostitwixxi ksur tal-privattiva fit-traduzzjoni oriġinali tagħha jista', wara li t-traduzzjoni koreġuta tibda sseħħ, ikompli dak l-użu fil-kors tan-negozju tiegħu jew għall-ħtiġijiet ta' dak in-negozju mingħajr ħlas.

Drittijiet annwali.

9. Id-drittijiet annwali għall-privattivi Ewropej għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju għal kull sena li tiġi wara dik li fiha t-tismija ta' l-għotja tal-privattiva Ewropea tiġi pubblikata mill-Uffiċċju tal-Privattivi Ewropej.

Konverżjoni f'applikazzjoni għal privattiva nazzjonali.

10. (1) Applikazzjoni għal privattiva Ewropea li ssemmi lil Malta tista' tiġi mibdula f'applikazzjoni għal privattiva nazzjonali meta l-applikazzjoni għal privattiva Ewropea titqies li tkun irtirata konformement ma' l-artikolu 77(5) tal-Konvenzjoni jew, minħabba li t-traduzzjoni ta' l-applikazzjoni taħt l-artikolu 14(2) tal-Konvenzjoni ma tkunx ġiet preżentata fil-ħin, konformement ma' l-artikolu 90(3) tal-Konvenzjoni.

(2) L-applikant għandu, fi żmien xahrejn mid-data meta l-Kontrollur jistieden lill-applikant biex jippreżenta t-traduzzjoni f'xi

waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Uffiċċju, jħallas id-dritt ordnat.

(3) Meta l-Kontrollur jiddeċiedi li talba għal applikazzjoni ta' konverżjoni tkun ammissibbli, l-applikazzjoni għandha tiġi trattata bħala applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' privattiva taħt l-Att.

(4) Deċiżjoni tal-Kontrollur fir-rigward ta' applikazzjoni ta' konverżjoni għandha tiġi trattata bħala deċiżjoni tal-Kontrollur taħt l-Att.

Protezzjoni simultanja.

11. Meta privattiva Ewropea li ssemmi lil Malta u privattiva nazzjonali għandhom l-istess data tal-preżentata jew, meta tintalab prijorità, l-istess data ta' prijorità, ikunu ġew mogħtija lill-istess persuna jew lis-suċċessur tagħha fit-titolu, il-privattiva nazzjonali ma għandu jkollha l-ebda effett safejn tkun tkopri l-istess invenzjoni bħall-privattiva Ewropea mill-ġurnata meta t-terminu ta' żmien għall-preżentata ta' oppożizzjoni għall-privattiva Ewropea jkun intemm mingħajr ma tkun ġiet preżentata oppożizzjoni jew mill-ġurnata meta l-proċedura ta' oppożizzjoni tkun irriżultat f'deċiżjoni finali li żżomm il-privattiva Ewropea.

Skeda ta' Drittijiet

(Regolament 3)

Ħlas ta' trasmissjoni għall-preżentata ta' Applikazzjoni ta' Privattiva Ewropea	Lm20 + Ħlas ta' servizzi ta' *courier*.
Konverżjoni f'applikazzjoni għal privattiva nazzjonali	Lm300
Preżentata ta' dokumenti tradotti skond ir-regolament 5(1)	Lm100
Preżentata ta' traduzzjoni skond ir-regolament 7(2)(b)	Lm100
Preżentata ta' traduzzjoni koreġuta	Lm 50